# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 8 ta' April, 2025.**

**Numru: 9**

**Rikors numru 403/2021/1 MS**

**Awtorità tal-Ippjanar**

**v.**

**Mark Gaffarena**

**Il-Qorti:**

1. Din hija deċiżjoni dwar appell ta' Mark Gaffarena minn deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' April, 2024, li biha ċaħdet it-talba tiegħu magħmula taħt l-**Artikolu 107(7) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp** sabiex il-pretensjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar għall-ħlas ta' multi msemmija fl-att ġudizzjarju 1283/2021 jiġu ddikjarati bħala mingħajr sies legali.

## Daħla

2. B'rikors tat-28 ta' April, 2021, Mark Gaffarena fisser li l-Awtorità tal-Ippjanar għandha pretensjoni kontrih dwar multi maħruġa minnha skont il-fatturi 9354, 9485 u 10119, li huma marbuta ma' Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettiq bin-numru ECF44/2008 dwar żvilupp li sar fi Triq it-12 ta' Mejju, f'Ħaż-Żebbuġ, Malta. Huwa jgħid li dawn il-multi li ġew imsemmija fl-att ġudizzjarju 1283/2021 huma mingħajr bażi legali għaliex skontu l-iżvilupp li dwaru nħarġu dawn il-multi ma setax ikun suġġett għall-multi msemmija fir-**Regolamenti tal-2012 dwar Multi għal Kull Ġurnata (L-Avviż Legali 276 tal-2012)**. Jargumenta li l-iżvilupp li dwaru nħarġu dawn il-multi sar qabel l-24 ta' Novembru, 2012 (id-data ta' meta daħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti). Għalhekk isostni li l-iżvilupp tiegħu ma setax jintlaqat b'dawn ir-regolamenti.

3. Fuq il-premessi għalhekk li dawn il-multi nħarġu mingħajr ebda bażi fil-liġi u li l-Awtorità tal-Ippjanar ma setgħetx twaħħal multi b'lura, Mark Gaffarena talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex fit-termini tal-**Artikolu 107(7) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp**:

> *«tiddikjara l-pretensjoni miġjuba fl-att ġudizzjarju surriferit bħala waħda infondata.»*

4. L-Awtorità tal-Ippjanar daħħlet risposta fl-1 ta' Ġunju, 2021 u qalet

hekk:

*«1. L-oġġezzjonijiet u l-kontestazzjonijiet tar-rikorrenti rigwardanti il-ħlas mitlub mill-Awtorità permezz tal-Ittra Uffiċjali Numru 1283/2021 ma fihom l-ebda siwi la fattwali u lanqas legali. Kif ser jirriżulta waqt is-smigħ ta' din il-kawża, ir-rikorrenti huwa debitur tal-Awtorità fl-ammont indikat fl-istess ittra uffiċjali u l-istess talba għall-ħlas hi ġusta u mistħoqqa fil-liġi;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti ma għandux jinqeda b'dan ir-rikors u b'dawn il-proċeduri sabiex jikkontesta l-mertu per se tal-Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettiq jew Ksur tal-Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettiq;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost ma huwiex minnu li l-multi maħruġa mill-Awtorità huma mingħajr bażi fil-liġi u dana peress skont l-Iskeda ta' Multi Għal Kull Ġurnata taħt **Liġi Sussidjarja 552.24**, illegalitajiet bi Ksur ta' Avviżi biex Tieqaf u ta' Twettiq, għandhom jitqiesu b'mod addizzjonali u individwalment;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorità kienet korretta meta mal-ħruġ tal-Ksur ta' Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq imponiet multa li taqa' fil-Kategorija Ċ tal-**Liġi Sussidjarja 552.24**;*

*5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-iżvilupp illegali soġġett għall-multa kwotidjana sar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-regolamenti tal-**Liġi Sussidjarja 552.24** u dan kif ser jiġi ppruvat matul il-proċeduri ta' dan ir-rikors;*

*Illi għar-raġunijiet premessi, it-talbiet tar-rikorrenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda minn dina l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti..»*

5. B'sentenza tat-12 ta' April, 2024, l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet ta' Mark Gaffarena bl-ispejjeż kontih, għar-raġunijiet li fissrithom hekk:

*«6. Illi dan huwa rikors imressaq mir-rikorrent skont l-**artikolu 100(7) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp** (**Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta**, u minn issa 'l quddiem imsejjaħ biss bħala "**l-Att**").*

*7. Illi mill-provi prodotti quddiem din il-qorti waqt is-smigħ ta' din il-proċedura, jirriżultaw is-segwenti fatti:*

> *i) fil-5 ta' Frar 2008, ir-rikorrent kien notifikat b'avviż biex tieqaf u ta' twettiq bin-numru ECF 44/08, datat 24 ta' Jannar, 2008, li permezz tiegħu huwa ġie mwissi li kien sar ksur ta' kontroll tal-ippjanar konsistenti minn «estensjoni ma' kamra eżistenti, bini ta' struttura oħra tal-ġebel, skavar ta' parti mis-sit, ħajt tal-madwar mibni bill-blokki tal-konkos, kif ukoll xatba tal-*

*injam u dan kollu mingħajr permess.» Permezz ta' dan l-avviż, ir-rikorrent ġie ordnat li jneħħi dak kollu li sar mingħajr permess u jreġġa' lura s-sit għall-istat oriġinali tiegħu fi żmien sittax-il ġurnata;*

*ii) jirriżulta li fuq is-sit inkwistjoni, li hu indikat bħala "Farm, Triq it-12 ta' Mejju, l/o Żebbuġ", ma kien hemm ebda permess. Ir-rikorrent kien applika fl-2007 għal outline development permit bin-numru PA/2032/076, iżda spezzjoni minn uffiċjali tal-Awtorità kienet uriet li diġà kien sar żvilupp u għalhekk inħareġ l-avviż tal-24 ta' Jannar 2008. Sussegwentement ir-rikorrent kien applika sabiex jibni stalel fuq dan is-sit, iżda meta l-uffiċjali tal-Awtorità żaru s-sit fl-2015, sabu li kien għad hemm diġà strutturi fih;*

*iii) l-applikazzjoni għall-permess ta' kostruzzjoni ta' stalel, li kellha n-numru PA/2926/08, ġiet rifjutata billi l-istrutturi eżistenti kellhom użu residenzjali u ma kinux qed jintużaw bħala stalel. Ir-rikorrent appella minn dan ir-rifjut. L-appell ġie miċħud b'sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fil-11 ta' Ottubru 2022;*

*iv) peress li lill-Awtorità intimata rriżultalha li, minkejja l-avviż tal-2008 r-rikorrenti wettaq żvilupp ulterjuri, ipproċediet b'avviż datat 18 ta' Novembru 2015 li bih ir-rikorrenti ġie mwissi li huwa kiser l-avviż preċedenti u li kienu se jiġu mposti multi kuljum fil-konfront tiegħu sakemm l-iżvilupp illegali magħmul minnu se jitħalla fuq il-post. Dan l-ordni dwar il-ksur tal-avviż ġie notifikat lir-rikorrent fl-20 ta' Novembru 2015;*

*v) fil-frattemp jirriżulta wkoll li fil-25 ta' Frar 2016 saret azzjoni diretta fuq is-sit inkwistjoni li ġie siġillat sabiex ir-rikorrent ma jibqax jagħmel użu minnu, salv għal tieqa waħda li tħalliet aċċessibbli għal skopijiet ta' manutenzjoni u sabiex ir-rikorrenti jkun jista' jagħlef xi bhejjem li kellu fuq is-sit;*

*vi) jidher li kemm wara l-avviż tal-2008 u anki wara din l-azzjoni diretta, sar żvilupp ulterjuri konsistenti mill-kostruzzjoni ta' tliet ikmamar fuq in-naħa ta' wara tas-sit. Minn ritratti mill-ajru esibiti, jirriżulta li l-iżvilupp fuq is-sit inkwistjoni kien beda diġà fl-2004, żdied b'mod konsiderevoli fl-2008, u kompla fis-snin 2012, 2013, 2016 u 2017;*

*vii) ir-rikorrent, permezz tal-perit tiegħu, għamel petizzjoni lill-Awtorità intimata għat-tħassir tal-multa kwotidjana imposta fil-konfront tiegħu, liema petizzjoni waslet għand l-Awtorità intimata fit-22 ta' Ġunju 2017. L-Awtorità sussegwentement infurmat lir-rikorrent b'ittra datata 25 ta' Settembru 2017 li fis-17 ta' Lulju 2017 kienet ittieħdet id-deċiżjoni li l-multi ma jiġux revokati. Ir-rikorrent għalhekk adixxa lit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, li b'deċiżjoni datata 29 ta' Marzu 2021 iddeċieda li jnaqqas il-multi imposti fuq ir-rikorrent minħabba dewmien fl-ipproċessar tal-applikazzjoni sanatorja li kienet preżentata minnu;*

*viii) ir-rikorrent imbagħad issottometta applikazzjoni ta' żvilupp, bin-numru PA/01133/18, li biha ppropona, fost ħwejjeġ oħra, li jissanzjona l-bdil fl-użu tal-kostruzzjonijiet fuq is-sit minn stalel għal residenza. Din l-applikazzjoni ġiet rifjutata fl-24 ta' Lulju 2020;*

*ix) ir-rikorrent, li preżenta dikjarazzjoni ffirmata iżda li mhijiex debitament maħlufa skont il-liġi, iddikjara li huwa bena l-istruttura tiegħu skont l-outline development permit li nħareġ favur tiegħu, u li huwa kien lesta l-*

> *kostruzzjoni tiegħu sal-2009;*
>
> *x) l-Awtorità intimata mbagħad ressqet ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 100 tal-Att sabiex tiġbor l-ammont ta' €21,300 dovuti mir-rikorrent bħala multi kwotidjani dekorsi fil-konfront tiegħu. Din l-ittra uffiċjali, li għandha n-numru 1283/2021, ġiet preżentata fit-30 ta' Marzu 2021.*

*Ikkunsidrat:*

*8. Illi dan il-proċediment inbeda mir-rikorrent sabiex jopponi għall-effetti tal-ittra uffiċjali bin-numru 1283/2021 li ġiet spedita lilu mill-Awtorità intimata skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 100 tal-Att. Is-subinċiżi rilevanti mill-artikolu 100 huma s-segwenti:*

> *«(6) Meta l-Awtorità tkun trid tagħmel proċeduri ġudizzjarji biex tirkupra dejn dovut lill-Awtorità taħt xi liġi jew regolament li hija jkollha jedd li tenforza, iċ-Chairperson Eżekuttiv jew kull uffiċjal ieħor tal-Awtorità awtorizzat kif imiss miċ-Chairperson Eżekuttiv biex jaġixxi f'ismu, jista' jagħmel dikjarazzjoni bil-ġurament quddiem ir-Reġistratur tal-Qrati jew quddiem uffiċjal awtorizzat li jamministra l-ġurament għal skopijiet ġudizzjarji, fejn huwa jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-dejn u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dan ikun dovut.*
>
> *(7) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (6) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett bħal sentenza finali tal-qorti kompetenti kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin ġurnata minn meta ssirlu n-notifika ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix dik it-talba billi jippreżenta rikors fejn jitlob li l-qorti tiddikjara l-pretensjoni bħala waħda infondata.*
>
> *(8) Ir-rikors ippreżentat skont ma hemm fis-subartikolu (7) għandu jiġi notifikat lill-Awtorità, li jkollha jedd li tippreżenta risposta fi żmien għoxrin ġurnata. Il-qorti għandha tappunta r-rikors għas-smigħ f'data li tiġi wara li jiskadi dak il-perjodu.»*

*9. Illi r-raġuni miġjuba 'l quddiem mir-rikorrenti sabiex din il-qorti tiddikjara infondata l-pretensjoni tal-Awtorità intimata hija li l-uniku avviż ta' waqfien u twettiq maħruġ fil-konfront tiegħu huwa dak li jġib id-data tal-24 ta' Jannar, 2008. Din id-data tippreċedi d-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali 276/2012, li jġib it-titolu "Regolamenti dwar Multi għal kull Ġurnata u Multi Amministrattivi". Għalhekk, skont ir-rikorrenti, l-avviż inkwistjoni ma jistax ikollu l-effett li jiġbed l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni posterjuri għalih.*

*10. Illi l-Awtorità intimata, min-naħa l-oħra, ssostni li r-rikorrent baqa' għaddej bl-iżvilupp illegali anki wara l-ħruġ tal-avviż tas-sena 2008, u kien għalhekk li hija nnotifikat lir-rikorrenti b'avviż dwar ksur tal-ordni fis-sena 2015, u kien dan it-tieni avviż, li huwa datat 18 ta' Novembru 2015, li ġibed l-applikazzjoni tal-Avviż Legali 276/2012.*

*11. Huwa minnu li l-artikolu 3(1) tal-Avviż Legali preċitat jipprovdi li:*

> *«Meta l-Awtorità tagħti avviż bil-miktub lil xi persuna skont l-artikolu 86 jew*

*88 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp fir-rigward ta' ksur li jkun sar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandha tavża wkoll lil dik l-istess persuna li hu jkun qiegħed jiġi soġġett għal multa għal kull ġurnata wara sittax-il ġurnata mid-data tan-notifika tal-avviż kif stabbilit u stipulat fid-dispożizzjonijiet tal-Iskeda.»*

*12. Din id-dispożizzjoni kjarament turi li l-multi kwotidjani li jistgħu jiġu imposti bis-saħħa tal-Avviż Legali 276/2012 għandhom ikunu konsegwenza ta' avviż bil-miktub li jsir skont l-artikoli 86 jew 88 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp (li kien fis-seħħ qabel l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp) dwar ksur li jsir wara d-dħul fis-seħħ tal-istess regolamenti.*

*13. Madankollu jidher u fil-fatt irriżulta li l-Awtorità intimata qed tinsisti li l-multi inkwistjoni bdew jiddekorru b'effett tal-avviż datat 18 ta' Novembru 2015. Din il-qorti fliet dan l-avviż, u jidhrilha li l-effetti li jiskaturixxu minnu huma wkoll dawk kif maħsuba mill-Awtorità intimata. Dan l-avviż, li bih ir-rikorrent ġie avżat li skont l-Awtorità kien sar żvilupp illegali ulterjuri wara l-ħruġ tal-avviż tal-2008, huwa wkoll avviż li jirrientra fil-kategorija tal-avviżi li kienu kontemplati fl-artikolu 86 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, ladarba l-ksur li dwaru nħareġ jikkostitwixxi mhux biss ksur ta' ordni ta' infurzar preċedenti, iżda wkoll żvilupp illegali minnu nnifsu, li għalhekk jiġbed lejh l-applikazzjoni tal-Avviż Legali 276/2012 skont dak li jipprovdi l-artikolu 3, preċitat.*

*14. Illi l-fatt li l-avviż maħruġ fit-18 ta' Novembru 2015 ma ngħatax numru progressiv ġdid, u nżamm in-numru progressiv tal-avviż tal-2008, ma jbiddel xejn minn dak osservat fil-paragrafu preċedenti ta' din id-deċiżjoni. In-numri progressivi li jingħataw lill-avviżi ta' infurzar maħruġa mill-Awtorità intimata huma biss maħruġa għal skopijiet amministrattivi, u ma jinċidux fuq il-validità sostantiva tagħhom. Il-qorti tosserva li l-kontenut tal-avviż datat 18 ta' Novembru 2015 jissodisfa l-ħtiġiet kollha imposti mill-artikolu 86 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp – fih hemm indikat ċar liema hu s-sit li dwaru qed jinħareġ l-avviż kif ukoll fil-konfront ta' min sar dak l-avviż. Hemm ukoll deskrizzjoni dettaljata tal-iżvilupp illegali li wassal għall-ħruġ tiegħu, u hemm ukoll il-pjanta, kif trid il-liġi. Mhux hekk biss, imma hemm ukoll indikati l-multi kwotidjani li għalihom kien se jsir soġġett ir-rikorrent, proprju kif irid l-artikolu 3(1) tal-Avviż Legali preċitat.*

*15. Illi għalhekk ladarba l-avviż datat 18 ta' Novembru 2015 huwa sostantivament avviż taħt l-artikolu 86, isegwi li dak l-avviż għandu l-konsegwenzi u l-effetti kollha maħsuba mil-liġi għal avviż maħruġ taħt l-imsemmija dispożizzjoni u wara d-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali 276/2012, u l-multi pretiżi mill-Awtorità intimata huma tassew dovuti.*

*16. Illi bil-kemm hemm għalfejn jingħad li fi proċedura ta' din ix-xorta, mhux ammess lil din il-qorti biex tindaga u tixtarr ir-raġunijiet li għalihom ikun inħareġ l-avviż ta' infurzar. Min għamel jew m'għamilx żvilupp illegali, meta sar l-iżvilupp u jekk avviż bħal dak inħariġx kontra min kellu jinħareġ, huma*

*kollha materji li setgħu u kellhom jiġu sollevati f'appell mill-istess avviż, u huma wkoll materji li setgħu, kemm-il darba jirriżultaw fondati, jwasslu għat-tħassir ta' dak l-avviż. Kemm fiż-żmien rilevanti li fih seħħew il-fatti tal-każ, kif ukoll illum, il-liġi espressament irriżervat il-ġurisdizzjoni u s-setgħa ta' stħarriġ u reviżjoni ta' avviżi bħal dawn (fost materji oħra) lit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Għal din il-qorti dan ifisser li dik il-ġurisdizzjoni u dik is-setgħa ma jistgħux issa jiġu eżerċitati minnha, b'mod partikolari fi proċedura bħal din li hija limitata u ċirkoskritta għal eżami dwar jekk l-Awtorità hux tassew għandha l-jedd tippretendi kreditu partikolari kontra persuna partikolari.*

*17. Illi ladarba r-rikorrenti m'appellax kontra l-avviż fuq imsemmi, dak l-avviż ma jistax ħlief jitqies legalment validu u kull effett legali li jiskaturixxi minnu huwa daqstant ieħor legalment validu. Għalhekk, il-kreditu pretiż mill-Awtorità intimata, ladarba huwa l-prodott ta' avviż ta' waqfien u twettiq li huwa validu u li ma jistax jiġi revokat minn din il-qorti f'azzjoni bħal dik odjerna, huwa wkoll validu u konsegwentement fondat.*

*Ikkunsidrat:*

*18. Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent iqajjem il-kwistjoni dwar il-validità legali tal-multi reklamati permezz tal-ittra uffiċjali mpunjata minħabba l-fatt li dawn il-multi huma imposti mill-Awtorità tal-Ippjanar u miġbura minnha wkoll, b'mod għalhekk li hija qed taġixxi bħala mħallef u prosekutur fl-istess nifs, u jagħmel riferenza għad-deċiżjoni* ***Phoenix Payments Limited v. Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja et*** *(Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 30/3/2023) in sostenn ta' din is-sottomissjoni tiegħu. Però mbagħad fl-istess nota ta' sottomissjonijiet, ir-rikorrenti jżid hekk: «Ir-rikorrenti Mark Gaffarena qiegħed jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistħarreġ l-argument magħmul taħt din il-kappa mhux sabiex issir xi forma ta' dikjarazzjoni illi l-proċeduri fi ħdan l-ambiti tal-Awtorità tal-Ippjanar huma leżivi għad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, iżda sabiex ikompli jiġi enfasizzat kif il-multi imposti mill-Awtorità intimata huma wkoll nieqsa minn pedamenti legali sodi.»*

*19. Il-qorti tosserva li ma jistax jingħad li setgħa, kompriża dik li timponi multi, tkun nieqsa minn pedamenti legali sodi kemm-il darba dik is-setgħa tkun mogħtija minn liġi. U kif diġà rajna, l-liġi ordinarja effettivament tvesti lill-Awtorità intimata bis-setgħa li timponi l-multi de quo dicimus. Din il-qorti hija, bħal kulħadd, marbuta bil-liġi, kompriża l-liġi ordinarja, sakemm ma jkunx jirriżulta li dik il-liġi hija inkonsistenti mad-drittijiet fondamentali ta' xi persuna, f'liema każ il-liġi ordinarja li tkun tqieset inkonsistenti għandha titqies bla effett. Però huwa biss wara eżerċizzju li bih il-qorti tqis jekk ikunx hemm ksur ta' xi dritt fondamentali li l-liġi ordinarja tista' possibilment titwarrab. Eżerċizzju dan li r-rikorrent espressament ma jridx li l-qorti tagħmel!*

*20. F'kull każ, din il-qorti hija tal-fehma li dan l-argument tar-rikorrent m'għandux jitqies minnha. Din il-qorti tista' tagħżel li tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u taħt l-*

*artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea fejn jirriżultalha li min jilmenta minn ksur ta' drittijiet fondamentali kellu rimedju ordinarju għad-dispożizzjoni tiegħu. Fil-kawża Mediterranean* ***Film Studios Limited vs. Il-Korporazzjoni għall-Izvilupp ta' Malta*** *(Qorti Kostituzzjonali, 31/10/2003) ġie osservat li: «Id-diskrezzjoni taħt iż-żewġ proviso inkwistjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, biex min-naħa l-waħda il-Prim Awla kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali ma jiġux inundati b'kawżi li jistgħu jiġu determinati minn Qrati oħra u/jew bi proċeduri oħra, u min-naħa l-oħra ċ-ċittadin (jew persuna ġuridika, skond il-każ) ma jiġix ipprivat mir-rimedji li hu għandu dritt għalihom taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap. 319. Il-leġislatur kostituzzjonali kkonferixxa lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) (u lil ebda persuna jew awtorità oħra) diskrezzjoni wiesgħa fl-interess tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja biex minn banda 'l waħda tkun tista' twaqqaf, jekk ikun hemm bżonn anke ħesrem, lil min jipprova jabbuża mill-proċess kostituzzjonali u mill-banda l-oħra tkun tista' timpedixxi li jiġu kreati ostakoli bla bżonn fit-triq ta' min ikun jidher li ġenwinament ikun qiegħed ifittex ir-rimedju kostituzzjonali. Il-fattispeċi u ċ-ċirkostanzi partikolari kollha tal-każ għandhom jiġu eżaminati għaliex b'hekk biss il-Qorti tkun tista' tasal biex tiddeċiedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi teżerċita s-setgħat tagħha».*

*21. Issa din il-qorti diġà rrilevat li l-ħruġ t'avviż taħt l-artikolu 86 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, kif ukoll l-impożizzjoni tal-multi b'effett ta' dak l-avviż, huma lkoll soġġetti għal dritt t'appell kemm fuq punti ta' fatt u kemm fuq punti ta' dritt quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, u sussegwentement anki quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fuq punt ta' liġi. Dan ir-rimedju, li jista' jwassal għar-reviżjoni kif ukoll għat-tħassir tad-deċiżjoni tal-Awtorità intimata, ma ġiex utilizzat mir-rikorrent. Għalhekk mhux leċitu issa li r-rikorrent jilmenta minn ksur ta' dritt fondamentali meta l-istess liġi ordinarja kienet tagħtih rimedju u smigħ li hu m'utilizzax.*

*22. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata, tiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra tiegħu.»*

6. Mark Gaffarena appella minn din is-sentenza permezz ta' rikors imressaq fit-13 ta' Mejju, 2024 u talab lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tħassar din is-sentenza u minflok tilqa' t-talba tiegħu biex il-pretensjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar għall-ħlas tal-multi msemmija fl-att ġudizzjarju 1283/2021 tiġi ddikjarata bħala mingħajr sies legali. It-tliet aggravji tiegħu jistgħu jinġabru hekk: (i) li l-multi ġew imwaħħla mill-Awtorità tal-Ippjanar

b'mod retroattiv; (ii) li l-multi ma jiswewx għaliex l-Awtorità tal-Ippjanar ma mxietx ma' dak mitlub fir-**Regolament 3(1) tar-Regolamenti tal-2012 dwar Multi għal Kull Ġurnata (L-Avviż Legali 276 tal-2012)**; u (iii) li l-Awtorità tal-Ippjanar m'għandhiex kompetenza twaħħal pieni.

7. L-Awtorità tal-Ippjanar wieġbet għal dan l-appell fil-11 ta' Ġunju, 2024 u semmiet għaliex dan ma jistħoqqlux li jintlaqa'.

8. Il-Qorti, wara li rat dak kollu li hemm fl-atti tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ, u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

9. Fl-**<u>ewwel aggravju</u>** tiegħu l-appellant jirrepeti kważi kelma b'kelma dak li huwa kien kiteb f'paġni 4 sa 8 tan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, li huwa kien ressaq quddiem l-Ewwel Qorti. Fil-qosor, huwa jgħid li l-Awtorità tal-Ippjanar waħħlitu l-multi b'mod retroattiv għaliex l-iżvilupp li dwaru nħarġu dawn il-multi sar kollu qabel id-dħul fis-seħħ tar-**Regolamenti tal-2012 dwar Multi għal Kull Ġurnata (L-Avviż Legali 276 tal-2012)**. Fil-fatt huwa jsostni li l-multi kollha għandhom x'jaqsmu mal-Avviż Biex Tieqaf u Twettaq (ECF 44/2008) li ntbagħat mill-Awtorità

tal-Ippjanar fl-24 ta' Jannar, 2008. Għalhekk billi skontu ħadd ma jista' jeħel piena li ma tkunx teżisti fil-liġi u li persuna mixlija għandha l-jedd li tgawdi l-aktar qafas legali li jkun favorevoli għaliha, mela allura huwa jtenni li l-multi mogħtija mill-Awtorità tal-Ippjanar għandhom jitqiesu bħala li ma jiswewx.

10. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li huwa mgħallem fil-ġurisprudenza tagħna li meta f'liġi li toħroġ ma jkunx hemm klawsola retroattiva, u l-kliem tagħha ma jkunx jimporta retroattività, dik il-liġi m'għandhiex ikollha effett retroattiv, lanqas jekk din tkun ta' interess jew ta' ordni pubbliku (ara ***Edgar Baldacchino et v. Onor Dr. Tommaso Caruana Demajo LL.D. ne et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Frar, 1954). Mhux hekk biss, biex liġi jkollha effett retroattiv, jeħtieġ li dan l-effett jirriżulta b'mod l-aktar ċar u żgur, u għaldaqstant, fid-dubju l-effett retroattiv għandu jkun eskluż (ara ***TCV Management and Trust Services Limited v. Neville Aquilina nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' April, 2024).

11. Il-kunċett ta' retroattività jsib ukoll applikazzjoni fi proċeduri li jkunu ġa mibdija billi kif ġie mtenni f'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-3 ta' Diċembru, 1947 fil-kawża fl-ismijiet ***Dottor Filippo Nicolo Buttiġieġ et v. Maġġur Gerard C. Gatt R.M.A.***,

> *«fil-każ ta' proċedimenti ġa avvjati liġi ġdida ma tistax tkun retroattiva, iżda r-retroattività għandha xorta waħda tiġi applikata f'proċedimenti ġa avvjati jekk din tkun espressament sanċita mill-istess liġi ġdida*.»

12. Biss però dan il-prinċipju, li liġi m'għandhiex effett retroattiv sakemm ma jkunx hemm klawsola retroattiva, ma jgħoddx f'każ ta' liġi sussidjarja (ara ***Raymond Cassar v. Montekristo Vineyards Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' April, 2023). Fil-fatt l-**Artikolu 9 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni** jgħid hekk:

> *«9. Kull liġi magħmula wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att bis-saħħa ta' setgħa mogħtija b'xi Att mgħoddi qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att tista', kemm-il darba ma jkunx jidher ħsieb kuntrarju fl-Att li jagħti dik is-setgħa, tkun retroattiva għal kull data li ma tkunx qabel il-bidu fis-seħħ ta' dak l-Att jew, meta dispożizzjonijiet differenti tiegħu jkunu jibdew iseħħu f'dati differenti, li ma tkunx qabel il-bidu fis-seħħ tad-dispożizzjoni li bis-saħħa tagħha ssir il-liġi sussidjarja:*
>
> *Iżda ebda persuna ma teħel xi piena dwar xi ħaġa li tkun saret jew li naqset milli ssir qabel il-bidu fis-seħħ tal-liġi sussidjarja.»*

13. Fil-każ tagħna jirriżulta mill-ittra uffiċjali tat-30 ta' Marzu, 2021 (ara paġni 80 sa 82 tal-atti tal-kawża), li qed tiġi kkontestata mill-appellant Gaffarena f'din il-kawża, illi l-Awtorità tal-Ippjanar sejset it-talba tagħha għall-ħlas tal-penali fuq ir-**Regolament 3 tar-Regolamenti tal-2012 dwar Multi għal Kull Ġurnata (Avviż Legali 276 tal-2012)**[1].

14. L-**Avviż Legali 276 tal-2012** daħħal fis-seħħ dawn ir-regolamenti msejħa bħala «***Ir-Regolamenti tal-2012 dwar Multi għal Kull Ġurnata***» fl-24 ta' Novembru, 2012. Dawn ir-regolamenti saru bis-saħħa tas-setgħat

[1] Bl-**Avviż Legali 108 tal-2016** dawn ir-regolamenti ġew imċaqalqa mill-**Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap 504)** għal taħt l-**Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp** (**Kap 552**) bħala **Liġi Sussidjarja 552.24**. Aktar tard bl-**Avviż Legali 294 tal-2016** dawn ir-regolamenti ġew jisimhom **Regolamenti Dwar Multi Għal Kull Ġurnata u Multi Amministrattivi**.

mogħtija bl-**Artikoli 61** u **79 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap 504)**, li daħlu fis-seħħ fit-30 ta' Novembru, 2010 b'riħet l-**Avviż Legali 511 tal-2010**.

15. Ifisser dan kollu, li ladarba r-**Regolamenti tal-2012 dwar Multi għal Kull Ġurnata** huma liġi sussidjarja li saru bis-setgħat mogħtija taħt l-**Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp**, mela allura skont l-**Artikolu 9 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni**, dawn ir-regolamenti għalkemm daħlu fis-seħħ fl-24 ta' Novembru, 2012, b'danakollu kellhom effett retroattiv sa mit-30 ta' Novembru, 2010, *viz*. meta daħal fis-seħħ l-**Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp**.

16. Il-***proviso*** **tal-Artikolu 9 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni** iżda jgħid li ebda persuna ma tista' teħel xi piena dwar xi ħaġa li tkun saret qabel il-bidu fis-seħħ tal-liġi sussidjarja. Jiġi b'hekk, li skont dan il-***proviso***, l-Awtorità tal-Ippjanar ma setgħetx twaħħal multa (li hija forma ta' piena) dwar xi ħaġa li saret qabel id-dħul fis-seħħ tar-**Regolamenti tal-2012 dwar Multi għal Kull Ġurnata** fl-24 ta' Novembru, 2012.

17. Jidher li dan kollu jinsab rifless ukoll fir-**Regolament 3(1) tar-Regolamenti tal-2012 dwar Multi għal Kull Ġurnata**, li fuqu l-Awtorità tal-Ippjanar sejset it-talba tagħha għall-ħlas tal-multi. Dan ir-regolament fil-fatt jagħti s-setgħa lill-Awtorità tal-Ippjanar timponi multi dwar ksur li jsir

wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti:

> *«3.(1) Meta l-Awtorità tagħti avviż bil-miktub lil xi persuna skont l-artikolu 86 jew 88 tal-Att fir-**<u>rigward ta' ksur li jkun sar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti</u>**, l-Awtorità għandha tavża wkoll lil dik l-istess persuna li hu jkun qiegħed jiġi soġġett għal multa għal kull ġurnata wara sittax-il ġurnata mid-data tan-notifika tal-avviż kif stabbilit u stipulat fid-dispożizzjonijiet tal-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.»*

18. Il-kwistjoni għalhekk hija jekk f'dan il-każ il-ksur li dwaru l-Awtorità tal-Ippjanar ħarġet il-multi kontra l-appellant sarx qabel jew inkella wara l-24 ta' Novembru, 2012. Jekk il-ksur seħħ qabel din id-data allura l-multi ma jiswewx għaliex ikunu nħarġu bi ksur kemm tar-**regolament 3(1) tar-Regolamenti tal-2012 dwar Multi għal Kull Ġurnata**, kif ukoll tal-**Artikolu 9 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni**. Mill-banda l-oħra, jekk iżda l-ksur ikun sar wara din id-data allura l-multi ma jistgħux jitħassru fuq ir-raġuni ta' retroattività.

19. Issa kif ingħad aktar qabel, l-appellant jerġa' jipproponi fl-ewwel aggravju tiegħu l-istess raġunijiet identiċi li huwa kien qajjem fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, jiġifieri, li l-ksur li dwaru weħel il-multi jolqot l-Avviż Biex Tieqaf u Twettaq (ECF 44/2008), li kien intbagħat mill-Awtorità tal-Ippjanar lura fl-24 ta' Jannar, 2008.

20. L-Ewwel Qorti warrbet dan l-argument għaliex qalet li l-Awtorità tal-Ippjanar imponiet il-multi fuq l-appellant mhux minħabba l-ksur li dwaru nħareġ l-Avviż tal-24 ta' Jannar, 2008 iżda minħabba ksur ieħor li ġie

indikat fl-Avviż tat-18 ta' Novembru, 2015 (ara paġna 49 tal-atti tal-kawża), fejn l-appellant ġie mixli li wara l-Avviż tal-2008 huwa kompla jagħmel aktar żvilupp illegali fuq is-sit. L-istess Qorti żiedet tgħid li t-tieni Avviż tal-2015 dwar l-iżvilupp illegali ulterjuri kien jaqa' fil-kategorija tal-avviżi li kienu kkontemplati fl-**Artikolu 86 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp** għaliex dan kien jolqot żvilupp illegali ġdid. Saħqet ukoll li l-fatt waħdu li ma ngħatax numru progressiv ġdid lit-tieni avviż tal-2015 u nżamm l-istess numru progressiv tal-ewwel avviż tal-2008, ma jbiddel xejn mill-fatt li t-tieni avviż kien jolqot ksur differenti. Għalhekk hija ssoktat billi ċaħdet din l-oġġezzjoni tal-appellant dwar ir-retroattività tal-multi.

21. L-appellant f'dan l-aggravju tiegħu ma jgħidx għaliex is-sentenza tal-Ewwel Qorti hija ħażina, imma jtenni biss dak li huwa kien niżżel fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti. Sottomissjonijiet dawn, li l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha wieġbet b'mod meqjus u mirqum għalihom.

22. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan mhuwiex il-mod ta' kif għandu jitressaq aggravju. Dan għaliex fir-rikors tal-appell għandhom jittressqu argumenti b'rabta mal-konsiderazzjonijiet li jsiru fis-sentenza appellata (ara ***Santumas Shareholdings plc v. C & M Contractors Limited*** deċiża ill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2024). Id-drawwa ħażina tal-avukati li jipproduċi f'aggravju l-istess kliem eżatt li jkunu saru fin-nota ta'

sottomissjonijiet ġiet iċċensurata kemm-il darba mill-qrati tagħna (ara ***Maria Francesca Stevens v. Caroline Gatt*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2019, ***John Udagha Omeh v. Attorney General et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Novembru, 2017 u ***Lino Debono v. Av. Toni Abela*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2000).

23. Għalhekk billi dan l-aggravju tal-appellant ma fih l-ebda forma ta' kritika lejn il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex tiċħad dawn is-sottomissjonijiet tiegħu dwar ir-retroattività tal-multi, din il-Qorti ftit li xejn għandha x'tistħarreġ (ara ***Epiphanio sive Effie Galea v. Il-Kummissarju tal-Artijiet et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 1999).

24. F'kull każ, biex ma jingħadx li din il-Qorti abdikat mill-funzjoni tagħha milli tistħarreġ l-ilment tal-appellant b'mod awtonomu, din il-Qorti għarblet l-atti kollha tal-kawża u tikkonkludi li qiegħda tasal għall-istess fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti illi l-multi li l-Awtorità tal-Ippjanar qiegħda titlob il-ħlas tagħhom bis-saħħa tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Marzu, 2021 għandhom x'jaqsmu ma' żvilupp illegali li skont l-Awtorità tal-Ippjanar sar wara l-24 ta' Novembru, 2012. Fil-fatt fit-tieni Avviż tat-18 ta' Novembru, 2015, l-Awtorità tal-Ippjanar xliet lill-appellant li huwa kompla għaddej bl-iżvilupp illegali għaliex: (i) biddel l-użu materjali tas-sit għal wieħed rikreazzjonali/residenzjali; (ii) beda jarma gaġġa tal-ħadid fuq wara tas-sit

li fiha kienu qegħdin jinżammu l-annimali, u li fiha żewġ strutturi tal-franka, li waħda minnhom tinsab imsaqqfa; (iii) poġġa żewġ strutturi oħra (gaġeġ) fuq quddiem tas-sit; u (iv) bena struttura oħra msaqqfa b'reċint tal-ħadid li tinsab fuq in-naħa ta' quddiem tas-sit.

25. L-appellant għażel li ma jikkontestax dan it-tieni avviż bir-rimedju tal-appell li kienet tagħtih il-liġi dak iż-żmien taħt l-**Artikolu 86 tal-Att Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp**. Fin-nuqqas ta' tali kontestazzjoni, din il-Qorti għalhekk hija marbuta li toqgħod mal-kontenut ta' dak l-avviż. Dan ifisser ukoll li ladarba dan it-tieni avviż tal-2015 jitkellem dwar ksur ieħor li sar wara l-ewwel avviż tal-2008, mela allura l-appellant ma jistax jgħid li l-multi li huwa weħel jikkonċernaw il-ksur indikat fl-ewwel avviż tal-2008.

26. L-ewwel aggravju tal-appellant għalhekk qiegħed jiġi mwarrab bħala wieħed li ma huwa mistħoqq xejn.

27. Ngħaddu issa għat-**<u>tieni aggravju</u>**. L-appellant isostni li t-tieni avviż tat-18 ta' Novembru, 2015 ma nħariġx skont ir-**regolament 3(1) tar-Regolamenti tal-2012 dwar Multi għal Kull Ġurnata** għaliex dan imkien ma jgħid li huwa kellu żmien sittax-il jum min-notifika lilu sabiex ineħħi l-iżvilupp illegali ħalli b'hekk jevita l-multa ta' kuljum. Jerġa' jgħid li dan it-tieni avviż jirreferi għall-ewwel avviż tal-2008 u għalhekk isostni li dan jikkonferma li l-multi huma relatati ma' dak li kien ġara fl-2008 u mhux ma'

dak li ġara wara d-dħul fis-seħħ tar-regolamenti fl-24 ta' Novembru, 2012.

28. Illi r-**regolament 3(1) tar-Regolamenti tal-2012 dwar Multi għal Kull Ġurnata** msemmi mill-appellant kien jaqra hekk:

> *«Meta l-Awtorità tagħti avviż bil-miktub lil xi persuna skont l-artikolu 86 jew 88 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp fir-rigward ta' ksur li jkun sar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandha tavża wkoll lil dik l-istess persuna li hu jkun qiegħed jiġi soġġett għal multa għal kull ġurnata wara sittax-il ġurnata mid-data tan-notifika tal-avviż kif stabbilit u stipulat fid-dispożizzjonijiet tal-Iskeda.»*

29. Huwa veru dak li jgħid l-appellant li dan ir-regolament jgħid iswed fuq l-abjad li l-Awtorità tal-Ippjanar għandha tavża lill-persuna li hija tista' teħel multa kuljum wara li jgħaddu sittax-il jum minn meta tirċievi l-avviż. Madankollu mhux veru iżda dak li jgħid l-appellant li huma ma ngħatax din it-twissija fit-tieni avviż tat-28 ta' Novembru, 2015. Jekk l-appellant iħares sew lejn dan l-avviż li jinsab f'paġna 49 tal-atti tal-kawża, huwa dlonk jista' jilmaħ skeda li kienet tgħid li għall-ewwel sittax-il jum huwa ma kien ħa jeħel l-ebda multa, iżda minn 17 sa 50 jum huwa jeħel multa ta' €10 kuljum, minn 51 sa 180 jum huwa jeħel multa ta' €20 kuljum, minn 181 sa 365 jum huwa jeħel multa ta' €40 kuljum u minn 365 ġurnata jew aktar huwa jeħel multa ta' €50 kuljum.

30. Dan it-tieni aggravju li huwa x'aktarx fieragħ qiegħed għalhekk jiġi miċħud ukoll.

31. Jonqos biss li jiġi mistħarreġ it-**<u>tielet aggravju</u>**.

32. Fih l-appellant jistaqsi dwar is-setgħa tal-Awtorità tal-Ippjanar illi toħroġ multi ta' natura penali bħal dawk li jkunu dovuti għal kull jum illi tibqa' fis-seħħ l-illegalità. Huwa jgħid li l-Awtorità qiegħda tilbes tlitt ikpiepel: dak ta' investigatur li żżomm għajnejha fuq dak li qed jiġri fil-pajjiż; dak ta' prosekutur għaliex tniedi proċeduri kontra kull min iwettaq xi illegalità; u dak ta' qorti għaliex timponi hija stess il-multi.

33. Għad li tul dan l-aggravju l-appellant jirreferi għas-sentenza ***Phoenix Payments Limited v. Korp Għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-30 ta' Marzu, 2023 fejn intqal li l-multi amministrattivi maħruġa mill-FIAU jiksru l-jedd tas-smigħ xieraq kif imħares taħt l-**Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, madankollu huwa jagħlaq l-aggravju tiegħu hekk:

> *«Ir-rikorrenti Mark Gaffarena qiegħed jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistħarreġ l-argument magħmul taħt din il-kappa mhux sabiex issir xi forma ta' dikjarazzjoni illi l-proċeduri fi ħdan l-ambiti tal-Awtorità tal-Ippjanar huma leżivi għad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, iżda sabiex ikompli jiġi enfasizzat kif il-multi imposti mill-Awtorità intimata huma wkoll nieqsa minn pedamenti legali sodi.»*

34. Din il-Qorti jkollha tistqarr li hija kemmxejn perplessa b'dan l-aggravju.

35. Bil-ħniena għandu għalfejn jingħad, mhuwiex xogħol din il-Qorti li toqgħod twieġeb għall-mistoqsijiet li jsirulha mill-partijiet; mod ieħor

xogħolha huwa biss li tiddeċiedi dwar il-kontroversji ta' bejniethom (ara ***Anna Vassallo v. Mario Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Diċembru, 2023 u ***Abdul Hakim Hassan Abdulle et v. Ministru tal-Ġustizzja u Intern et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Ġunju, 2013).

36. F'kull każ, minbarra l-fatt li s-sentenza ***Phoenix Payments Limited v. Korp Għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja et*** msemmija mill-appellant, ġiet mibdula mill-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza tat-18 ta' Novembru, 2024, xorta jibqa' l-fatt li l-appellant b'dikjarazzjoni tiegħu stess magħmula fl-appell mhuwiex qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tistħarreġ jekk l-għemil tal-Awtorità tal-Ippjanar fil-konfront tiegħu joħloqx ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu.

37. Għalhekk ladarba l-appellant ma jridx lil din il-Qorti tidħol fuq dan l-aspett ta' bixra kostituzzjonali, wieħed ma jistax jifhem fejn irid imur l-appellant b'dan l-aggravju.

38. Din il-Qorti għalhekk tista' tieqaf hawn. Ittemm biss billi tgħid li s-setgħa tal-Awtorità tal-Ippjanar li titlob il-ħlas ta' multi toħroġ mir-**regolament 3(1) tar-Regolamenti tal-2012 dwar Multi għal Kull Ġurnata** li fuq inħareġ l-avviż tat-18 ta' Novembru, 2015. Ma jistax jingħad allura li l-Awtorità tal-Ippjannar aġixxiet mingħajr setgħa fil-liġi jew mingħajr pedamenti legali sodi kif isostni l-appellant.

39. Issa jekk it-tħaddim ta’ dik is-setgħa, li hija mogħnija biha l-Awtorità tal-Ippjanar, tinsabx konformi mal-jeddijiet fundamentali tal-appellant kif imħarsa bil-**Kostituzzjoni ta’ Malta**, hija kwistjoni li l-appellant ma jridx lil din il-Qorti tidħol fuqha.

40. Anke l-aħħar aggravju tal-appellant għalhekk qiegħed jiġi miċħud għaliex mhux minnu li l-Awtorità tal-Ippjanar ma kellhiex pedamenti legali sodi sabiex toħroġ il-multi.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell ta’ Mark Gaffarena u b’hekk tikkonferma għalkollox is-sentenza tal-Ewwel Qorti. L-ispejjeż kollha relatati ma’ dan l-appell għandhom jitħallsu minn Mark Gaffarena.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
ss